Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

Tnejn 28 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.04am

## 14.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

14.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti

14.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tlettax il- Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

14.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 14.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku

14.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li kellu laqgħa kordjali mal-Ministru għal Inkluzjoni u Volontarjat fejn ġew diskussi l-possibilitajiet li jkun hemm kopperazzjoni u għajnuna għal lokalita' ta' L-Mdina.

14.3.2 Is- Sindku tkellem dwar il-laqgħa mal-Kunsill tar-Rabat rigward l-applikazzjoni mill-Kunsill tar- Rabat biex isir ir-restawr ta' l-Għajn fit-telgħa tas- Saqqajja taħt il-Loggia ta' San Pawl u li skond il-konfini tal-Kunsilli hemmhekk jaqa' fil-konfini tal-Kunsill ta' L-Mdina u mhux tar-Rabat. Huwa qal li kienet kordjali ħafna u iz-zewġ partijiet huma tal-fehma li jitkompla l-proġett għax wara kollox dan huwa wirt nazzjonali u fejn il-Kunsill ta' l-Mdina ser ikun infurmat bl-izviluppi tal-proġett. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi temi oħra ta' importanza li jistgħu jaffettwaw iz-zewġ kunsilli f'daqqa.

## 14.4 Xiri u Installazzjoni ta' recessed floor lighting ġewwa l-Mdina

14.4.1 Il-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda li tinħareġ sejħa għal offerti għal xiri ta' *recessed light flooring* biex jiġu nstallati ġewwa l-Mdina. Ser jitqabbad il-perit tal-Kunsill biex jipprepara t-tender. L-installazzjoni ta' dan il-*light flooring* ser isir mill- handyman tal-Kunsill. Huwa stmat li dawn ser jiswew lil Kunsill s-somma ta' €25,000.

## 14.5 Installazzjoni ta' lampi dekorattivi Howard Gardens- Development Planning Fund

14.5.1 Il-Kunsill ta' l- Mdina ser japplika ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar għal fondi marbuta ma' l-iskema Development Planning Fund biex jinxtraw u jiġu nstallati lampi dekorattivi ġewwa Gnien Howard fejn dawn ser jissostitwixxu l-lighting bollards ezistenti.

14.5.2 Sadanittant il-Kunsill talab lil Perit tal-Kunsill jipprepara d-dokumenti meħtiega biex jipprezenta lil Awtorita l-applikazzjoni u b'rabta ma dan, il-perit ntalab jibgħat kwotazzjoni minn *electrical engineer* biex jipprepara l-BOQ's ta' dan il-proġett fejn il-kwotazzjoni ġiet tlaħħaq s- somma ta' € 2124.

14.5.3 Din il-kwotazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill.

**14.6 Proposta ta emendi fil- Bye Law dwar l-Uzu ta' facilitajiet**

14.6.1 Is-Sindku beda biex qal li xi ftit xhur ilu, l-Kunsill kien ddiskuta l-problema li bdiet tinħoloq riċentement ġewwa l-Mdina bil-presenza ta' *buskers* mhux awtorizzati u peress li ma kien hemm ebda bye-law in vigore, ma setax isir infurzar fuq dan. Għaldaqstant il- Kunsill kien kellem lil Avukat tal-Kunsill biex jagħmel l-emendi neċessarji fil-Bye Law fejn tirregolarizza l-attivitajiet li jsiru fl- Mdina u tindirizza l-problema ta' *buskers*.

14.6.2 Il-Kunsill ser jippublika dawn l-emendi permezz ta' avviz fuq il-gazetta tal-gvern u gazzetti lokali għal kunsiderazzjoni tal-pubblika u la darba wara tlett ġimgħat tingħalaq din il-konsultazzjoni wara l-approvazzjoni mill-Kunsill, din l-emnda tintbgħat għal kunsiderazzjoni tad- Dipartiment għal Gvern Lokali u approvazzjoni mill-Ministru konċernat.

**14.7 Bus Shelters ġodda għal Mdina – *Survey* addizjonali**

14.7.1 Il-Kunsill b'rabta mas-*survey* li kellu jsir fir-rigward ta' *bus shelters* ġodda approva kwotazzjoni addizzjonali ta' € 350 (VAT eskluz) fejn f'dan is-survey ser jiġi nkluz xi embellishment fil- viċinanzi tal- *bus shelters.*

**14.8 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

14.8.1 Attard Scouts- Proposta ta' proġett ta' tisbieh fil-madwar ta' l-Għajn Hammam. Il-Kunsill ser isejjaħ laqgħa ma Scouts.

14.8.2 Mario Gerada- Suġġeriment biex issir vasca ġewwa Howard Gardens għal għasafar biex jixorbu minnha. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

14.8.3 Greenpak- Talba biex jitneħħew xi traffic bollards quddiem l-Ibins li jinsabu fir Triq L-Għarreqin. Il-Kunsill ma approvax dan.

14.8.4 Oleksander Sanya- Talba biex jarma ġewwa l- Mdina fit-toroq ta' madwar b'apparat u jieħu ritratti u tingħata donazzjoni. Il-Kunsill ma approvax.

14.8.5 Philip Camilleri- Talba għal permess ta' *fruit and vegetable hawker* ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma approvax.

14.8.6 Kunsill Lokali Rabat- Talba biex l-area tat- Tomba nhar il- 20 u 21 ta' Settembru 2025 tinfetaħ biex jipparkjaw fiha parteċipanti waqt l-attivita' Rabat Sacrum. Il-Kunsill approva.

**14.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

14.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 28 ta' Lulju 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 41,922.10

14.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**14.10 Tmiem tal- Laqgħa**

14.10 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 10.30am u ġiet aġġornata għal-20 ta' Awwissu 2025 fit-9am.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___20 ta' Awwissu 2025__